MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Talba Numru. 239/2015

**Perit Arkitett Robert Musumeci**

**Vs**

**Jesmond Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Marzu, 2015 fejn l-attur talab din is-somma tirrapprezenta spejjes u drittijiet professjonali dovuti lill-attur, liema ammont il-konvenut qed jirrifjuta li jhallas bla ebda raguni valida fil-ligi.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 1890/14 datata 10 ta' Settembru, 2014 u bl-imghaxx mid-data tan-notifika ta dan l-istess att anness (dok A).

Il-konvenut ma pprezentax risposta pero xehed biex jispjega l-fatt illi meta qabbad ma kienx jaf illi hemm bzonn ihallas u dan minkejja illi ifthiem mal-perit sabiex issir l-applikazzjoni.

L-attur ipprezenta dokumenti in sosten tat-talba tieghu.

It-Tribunal wara li ra d-dokumenti pprezentati mill-attur u wara li semgha lil konvenut huwa tal-fehma illi l-konvenut kien messu staqsa qabel inbeda x-xoghol kemm ser tiswieh din l-applikazzjoni. huwa inutili illi wara jinghad illi ma hasibx li ser tigi daqshekk gholja.

It-Tribunal ghal dawn il-motivi jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf tleit mija u disghin ewro u sittin centezmu (€1,390.60) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------